

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 14/2009**

**tal-5 ta' Frar 2009**

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sigurta ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità <sup>(2)</sup> ġiet integrata fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2005 <sup>(3)</sup> tat-2 ta' Diċembru 2005, b'adattamenti speċifiċi tal-pajjiż.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/49/KE tas-16 ta' April 2008 li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kriterji għat-twettiq ta' spezzjonijiet fir-rampa fuq ajruplani li jużaw l-ajruporti tal-Komunità <sup>(4)</sup> għandha tkun integrata fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 351/2008 tas-16 ta' April 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-prioritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji tal-ajru li jużaw ajruporti tal-Komunità <sup>(5)</sup> għandu jkun integrat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

L-Anness XIII għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66r (id-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

**“— 32008 L 0049:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/49/KE tas-16 ta' April 2008 (ĠU L 109, 19.4.2008, p. 17)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 66ra (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006):

**“66rb. 32008 R 0351:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 351/2008 tas-16 ta' April 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-prioritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji tal-ajru li jużaw ajruporti tal-Komunità (ĠU L 109, 19.4.2008, p. 7).”

<sup>(1)</sup> ĠU L 25, 29.1.2009, p. 36.

<sup>(2)</sup> ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.

<sup>(3)</sup> ĠU L 53, 23.2.2006, p. 53.

<sup>(4)</sup> ĠU L 109, 19.4.2008, p. 17.

<sup>(5)</sup> ĠU L 109, 19.4.2008, p. 7.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2008/49/KE u r-Regolament (KE) Nru 351/2008 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Frar 2009, kemm-il darba ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmulu fi Brussell, 5 ta' Frar 2009.

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

(\*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.